MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2002

Rikors Numru. 134/2000/1

**Alfred Gera & Sons Limited**

**Vs**

**Maria Concetta sive Connie Sceberras Trigona bhala armla u aventi causa tan-Nutar Alexander Sceberras Trigona u b'digriet tal-10 ta' Settembru 2001 u dahal fil-proceduri u in statu et terminis l-Avukat Dr Anthony Henry Farrugia.**

Il-Bord,

Ra r-rikors tal-esponenti;

Illi kienet tikri l-fond appartament numru 3 fil-blokk 203 Triq il-Fran (Old Bakery Street) Valletta lill imsemmi Nutar Alexander Sceberras Trigona li miet f'Mejju 2000 bil-kera ta' sittin lira (Lm60) fis-sena jithallas fl-1 ta' Lulju ta' kull sena bil-quddiem.

Illi dan il-fond kien mikri lill imsemmi Alexander Sceberras Trigona bhala ufficju gall-esecizzju tal-professjoni tieghu ta’ nutar.

Illi l-intimata bhala armla u ghalhekk aventi causa tal-imsemmi inkwilin ma ghandiex d-dritt li ggedded favur taghha l-lokazzjoni tal-istess ufficju stante li ufficju nutarili ma jistax jigi ikkunsiderat bhalal hanut ai termini tal-Ariklu 2 tal-Kap 69 u hi m’hiex nutar.

Illi s-socjeta rikorenti ghandha bzonn l-appartament ghal uzu taghha stess.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob li tigi awtorizzata ma ggedditx il-lokazzjoni favur l-intimata fl-iskadenza tal-1 ta’ Lulju 2000 u terga tiehu pussess tal-fond 203 Flat 3 Triq il-Fran Valletta.

Bl-ispejjes.

Ra r-risposta ta’ l-intimata (fol 4-5)

(1) fl-ewwel lok ma nghatatx il-kongedo skond kif titlob il-ligi.

(2) illi t-talba kif proposta mhix ta’ kompetenza ta’ dan it-tribunal imma tal-Qrati ordinarji.

Li di piu l-gudizzju mhux integru u fil-mertu t-talba tar-rikorrenti hija insostenibli peress li hija priva minn kull fundament legali u fattwali kif ser jigi ippruvat f’dik il-kawza.

Ra d-digriet tieghu tal-10 ta’ Settembru 2001 fejn laqa’ t-talba ta’ l-Avukat Dr Anthony Henry Farrugia li jidhol fil-kawza ‘in statu et terminis’.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha.

Ra s-sentenza tieghu tat-28 ta' Frar 2001 fejn jichad l-eccessjoni ta' l-inkompetenza mressqa mill-intimata.

Ra l-verbal tal-21 ta' Mejju 2002 fejn il-partijiet lahqu transazzjoni li giet iffirmata skond il-ligi u li qed tigi hawn riprodotta biex taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Il-partijiet kollha fil-kawza qed jittransigu l-vertenza bil-mod segwenti.

Illi l-intimati flimkien ma' l-intervenut fil-kawza qedghin jaccettaw, illi jikkonsenjaw il-pussess tal-fond meritu tal-kawza vakanti minn kull okkupazzjoni lir-rikorrenti u dan fi zmien tlett xhur millum.

Illi f'dan is-ens huma qedghin jirrinunzjaw ghad-drittijiet lokatizji taghhom, u kull interess li ghandhom fil-ligi f'dan il-post b'mod partikolari l-lokazzjoni awtomatika taht il-Kapitolu 69 u kull ligi ohra.

Min-naha taghhom ir-rikorrenti qedghin jaccettaw li jiehdu lura l-pussess tal-fond mertu tal-kawza b'dan illi qeghdin jaghmlu tali acettazzjoni tal-fond fl-istat li jinsab illum , u min issa qedghin jirrinunzjaw ghal kull azzjoni li jista' jkollha kontra l-intimat u l-intervenut fil-kawza, kemm sa fejn jirrigwarda arretrati ta kera u kif wkoll l-istat attwali tal-fond inkwistjoni.

Ir-rikorrenti qedghin jaccettaw ukoll li sa zmien gimgha millum jirrimborsaw lill-intimati u l-intervenut fil-kawza l-ispejjez kollha li ghamlu f'dan il-post u ghalhekk qedghin jobbligaw rwiehhom li sa zmien gimgha millum jhallsuhom l-ammont ta' hames t'elef u hames mitt lira maltin, kwantu ghal elfejn lir amaltin lill-intervenut fil-kawza Dr. Anthony Henry Farrugia u kwantu ghal tlett elef u hames mitt lira maltin lill wisq Nobbli Maria Concetta Sceberras Trigona armla tal-mejjet Alexander Sceberras Trigona.

Fid-dawl ta' dan il-ftehim kemm l-intimata u kif ukoll l-intervenut fil-kawza qedghin jammettu t-talbiet rikorrenti.

Spejjez bla taxxa

In vista ta' din it-transazzoni u stnate ammissjoni jilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u jawtorizzaha terga tiehu f'idejha l-fond appartament 3 fl-blokk 203 Triq il-Fran (Old Bakery Street) il-Belt Valletta; ghall-fini ta'l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' tlett (3) xhur m'illum; kull parti tbati l-ispejjes taghha, kollox in komfornita' mat-transazzjoni fuq imsemmijin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------